MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 268/2004

**Clinton Edwin Bonnici**

**Vs**

**Antoine Vassallo (ID: 825847M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attur talab li l-konvenut ihallas Lm200 (mitejn lira Maltin) li huma dovuti bhala rifuzjoni ta' depozitu fuq vettura liema vettura baqghet ma gietx ikkonsenjata lill-istess attur.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn jghid illi l-vettura li ghaliha kien sar id-depozitu mill-attur ser tigi kkonsenjata.

Ra x-xhieda ta' Clinton Bonnici li kien ordna l-vettura f'Marzu 2003 u skond il-ftehim kellha tigi f'Mejju 2003. Ghaddiet sena u l-istess vettura baqghet ma gietx.

Ra x-xhieda ta’ Edwin Bonnici, missier l-attur, fejn jghid li kien prezenti meta marru ghand il-konvenut ghad-depozitu u kkonferma li qal l-attur.

Ra illi l-konvenut ma deher fl-ebda seduta. Ghalkemm fir-Risposta tieghu l-konvenut qal li l-vettura se tigi kkonsenjata fil-fatt ma jirrizultax li giet ikkonsenjata.

Ghaldaqstant filwaqt li jichad ir-Risposta tal-konvenut dan it-Tribunal jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur l-ammont ta’ Lm200 (mitejn lira Maltin) bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------